MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Awwissu, 2004

Numru 724/1998

Illum 2 ta’ Awissu 2004

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Bartolo)

Vs

George Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra George Cassar iben Anthony u Margaret nee’ Abela, imwieled Pieta’ u joqghod Marsa – ta’ karta ta’ identita 70469(M) – akkuzat:

1. f’isem il-Kontrollur tad-Dwana, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli fil-5 ta’ Dicembru 1996 u/jew fix-xhur ta’

qabel, f'dawn il-Gzejjer, importa jew kellu x'jaqsam filli jigu importati u mdahhla f'Malta l-oggetti indikati fuq il-lista hawn mehmuza li taghhom hija projbita l-importazzjoni jew li l-importazzjoni taghhom hija limitata;

2. fl-istess data, u/jew perjodu u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jahrab xi dazju tad-dwana, u/jew it-taxxa tal-valur mizjud dovuta, u/jew l-imposta, u/jew dazju tas-sisa, xjentement gie fil-pussess ta' dawn l-istess oggetti fuq imsemmija li fuqhom id-dazju u/jew it-taxxa tal-valur mizjud, u/jew id-dazju tas-sisa, u/jew l-imposta dovuta ma kienux gew imhalsa u/jew kawtelati, u li l-importazzjoni taghhom hija probita u/jew ristretta, liema valur totali tal-oggetti ilahhaq ghas-somma ta' Lm1633.30, dazzju tas-sisa Lm157.679, dazju Lm48.60, imposta Lm159.32, u taxxa fuq il-valur mizjud li tammonta ghal Lm299.834.

Dan bi ksur tal-Artikoli 60(a)(b)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-proviso ta' l-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att XVI ta' l-1995 dwar id-Dazji tas-Sisa, u l-Att XII ta' l-1994 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 65 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att nru. XII ta' l-1994) u l-Artikolu 7(1) u 12(1) ta' l-Att XXXI ta' l-1989 dwar il-promozzjonijiet ta' prodotti lokali;

3. f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Dicembru 1996 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda:

(a) iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott tal-industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

(b) ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella, jew emblema li kien fiha indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh din il-merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;

(c) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka jew emblema imxebbhin b'qerq;
(d) bi qligh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew bejgh, qasam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Rat it-talba rispettiva tal-Kontrollur tad-Dwana, id-Direttur tal-Industrija u l-Kummissarju tal-VAT sabiex jittiehdu l-proceduri kontra l-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirreferu ghal li importa jew li kellu x'jaqsam fl-importazzjoni ta' oggetti projbiti jew ristretti, lista ta' liema giet annessa u tinsab folio 3 tal-process, bi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap 37), l-Ordinanza dwar id-Dazju tas-Sisa (Att XVI/95), l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att XII/94) u l-Att dwar il-Promozzjoni tal-Oggetti Lokali (Att XXXI/1989); hu akkuzat wkoll b'reati konnessi ma' frodi kummercjali jew industrjali senjatament taht l-Artikolu 298 (a)(c)(f)u l-Artikolu 298B li jitratta l-vjolazzjoni tad-Drittijiet tal-Awtur.

Illi m'ghandux jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar li l-oggetti meritu l-akkuzi huma dwak imsemmija u cirkoskritti ghal dawk murija a folio 3 li fosthom hemm flokkijiet bl-isem ditti rinnomati, precizament 'Adidas', 'Kappa', 'Reebok', 'Nike' u 'Levis' flimkien ma' zraben sportivi,

sigaretti, arloggi tal-idejn, fwiha u varji oggetti ohra. L-imputat ghazel li ma jixhidx u kwindi l-prova li ghamlet il-prosekuzzjoni li l-oggetti in kwistjoni gew elevati minn tlett fondi, kif spjega l-ufficjal prosekutur, u fil-presenza tal-imputat, li kien ukoll assuma l-proprjeta' taghhom, hija pienjament pruvata, anka fil-konfront tal-akkuza li titratta l-frodi kummercjali jew industrijali taht l-artikolu 298 tal-Kap 9. Dwar dan ta' l-ahhar il-prova tinsab sodisfatta kemm minhabba l-presunzjoni mixhuta kontra l-imputat bl-Artikolu 299, u kemm minhabba li l-presunzjoni ma gietx mehluba ai termini ta' l-Artikolu 302 dejjem tal-Kap 9, skond il-kaz.

Illi aktar minn hekk jirrizulta minghajr dubbju, u dan sija mix-xhieda tar-rappresentanti f'Malta tal-marki Reebok u Adidas, u kemm mir-relazzjoni tal-espert taghha, li l-hwejjeg b'marki ta' dawn id-ditti m'humiex genwini. Fl-istess vena esprima ruhhu l-espert taghha fir-rigward il-hwejjeg kollha bil-marka 'Levis', il-qliezet tat-'track suits', in-nuccalijiet tax-xemx, l-arloggi, l-kamera tar-ritratti u l-fwieha. Jirrisulta pero' li hemm oggetti indikati fil-lista folio 3 dwar liema ma tezisti ebda prova li mhumiex genwini u fid-dubbju ma jistax jigi prezunt li l-genwinita' taghhom giet pruvata minn min kellu l-obbligu li jipprova aktar u aktar meta m'hemmx kontestazzjoni li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija. Dan kollu li nghad pero' ftit ghandu valur fir-rigward l-akkuza tan-nuqqas ta' hlas tad-dwana u/jew t-taxxa fuq il-Valur Mizjud billi anka hawn l-oneru tal-prova kien fuq l-imputat u dan ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kap 37.

Illi ghal dik li hi l-akkuza dwar il-vjolazzjoni tad-drittijiet tal-awtur m'hemm xejn fix-xhieda li l-akkuza fit-termini precizi tal-Artikolu 298B giet pruvata.

Ghaldaqstant, tiddecidi filli issib l-imputat hati tal-akkuza markata 2, 3(a)(b)(c) u wara li rat l-Artikolu 60(a)(b)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) u l-proviso tal-paragrafu (a) tal-istess Artikolu 62 tal-Kap 37, l-Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att XVI/95, l-Artikolu 65 tal-Att XII/94 u l-Artikolu 7(i) u 12(i) tal-Att XXXI/1989 tikkundannah Lm7000 multa u prigunerija ghal zmien sena. Ghal dak li hi prigunerija

qeghdha tapplika l-Artikolu 28A tal-Kap 9 u tissospendihom ghal sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan iz-zmien tas-sentenza sospiza. Tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u elenkati folio 3 fil-waqt li tillibera l-imputat mill-bqija tal-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------